# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PARZJALI 1968

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2654/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Mirana Azzopardi**

**vs**

**Maltapost plc**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.**

Illum 27 t'Ottubru 2009

Permezz ta’ din id-Decizjoni qed tigi deciza l-kwistjoni mqajma b'mod preliminari li t-tkeccija tar-rikorrenti mill-impieg ma saritx skond il-proceduri stipulati fil-Ftehim Kollettiv vigenti.

Ir-rikorrenti ghamlet referenza ghall-Ftehim Kollettiv, proprjament ghall-Appendici numru 4, u ezattament ghas-sezzjoni intestata Disciplinary Procedure, fejn klawsola 2 ta' l-istess (pagna 46 tal-Ftehim Kollettiv - dokument FK) hemm indikat li "*When it comes to the notice of Management that there has been an alleged breach of behaviour on the part of an employee, Management shall notify in writing the employee of the charge being brought against him within a period of not longer than two working weeks from the date that the necessary investigation is concluded*."

Is-socjeta` intimata ghamlet referenza ghall-ittra taghha tat-13 ta' Marzu 2008 (dokument E) li biha r-rikorrenti giet infurmata li l-investigazzjonijiet fil-konfront taghha inghalqu fis-6 ta' Marzu 2008, u giet mgharrfa x'kienu c-*charges* kontra taghha. Ghalhekk it-terminu ta' gimghatejn gie rispettat.

Ghandu jinghad li din l-eccezzjoni tqajmet b'mod verbali, donnu impromptu, f'mument li r-rikorrent allegat verbalment ukoll waqt seduta quddiem dan it-Tribunal li hija damet xhur qabel saret taf x'kienu c-*charges* li kellhom jinhargulha. Hawnhekk is-socjeta` intimata ipprezentat kopja ta' ittra - dokument G - li kienet intbaghtet mir-rapprezentanti tar-rikorrenti lis-socjeta` intimata fis-17 ta' Marzu 2008, u dan b'risposta ghall-imsemmija ittra tat-13 ta' Marzu 2008. F'dan l-istadju kien kjarissimu li l-allegazzjoni tar-rikorrenti kienet infondata, u messha irtirat tali eccezzjoni.

Madankollu r-rikorrenti insistiet li fi kwalunkwe kaz l-investigazzjonijiet mhux veru inghalqu fis-6 ta' Marzu 2008, imma ferm qabel ghax l-ogetti postali mhux imqassma instabu fid-9 ta' Jannar 2009. Ir-rapprezentanta tas-socjeta` intimata xhedet li kellmu lir-rikorrenti u din allegat li kienet baghtet avvizi biex jingabru l-oggetti postali, liema avvizi jaghtu terminu ta' 10 ijiem ghal biex jingabru; madankollu ghall-iskopijiet ta' l-investigazzjoni il-Posta tat aktar zmien biex jaraw jekk xi hadd icempilx biex jigbor dawn l-oggetti. Dan id-"dewmien" kien kollu favur ir-rikorrenti, in kwantu li din inghatat il-beneficcju tad-dubju. Di piu`, il-Ftehim Kollettiv ma jitkellem xejn dwar kif u meta ghandhom jinghalqu investigazzjonijiet. It-tul u l-metodu ta' l-investigazzjonijiet huma mhollija fid-diskrezzjoni tal-Posta, u l-Posta ghandha mhux biss dritt li tkun dejjem attenta ghal kull ilment, imma ghandha l-obbligu li taghti l-akbar attenzjoni possibbli. F'dawn ic-cirkostanzi l-insistenza tar-rikorrenti li l-Ftehim Kolletiv gie miksur hija wahda fiergha u deplorevoli. Dan kollu qed jinghad minghajr il-htiega li ssir referenza ghal klawsola 4 li titkellem dwar imgieba li tirrisali ghal akkuzi ta' natura kriminali.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddikjara li l-Ftehim Kollettiv ma nkisirx mis-socjeta intimata u jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kaz fuq il-mertu.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman